MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-1 ta' Frar, 2010

Avviz Numru. 296/2007

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Geoffrey Borg**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tnax il-lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm2612.53), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut minn Borg Geoffrey lil Mobisle Communications Limited in kwantu ghal servizzi rezi lilu mill-istess Mobisle Communciations Limited fix-xhur bejn Novembru 2006 u Marzu 2007, u dana in segwitu ta', u skond Client Contract No 25845, liema kuntratt huwa iffirmat minn Geoffrey Borg.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-tletin (30) ta’ Novembru 2007 u tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat mal-avviz u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-20 ta' Jannar 2010 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €2612.53 ossija €6085.56 bl-imghax legali mit-30 ta’ Novembru 2007 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta’ Novembru 2007 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tal-20 ta’ Settembru 2007.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------